N A O
National Audit Office
MALTA

**National Audit Office**
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1601
Malta

Phone: (+356) 22055555
E-mail: nao.malta@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt
www.facebook.com/NAOMalta

*Awditur Ġenerali*

Rif. tagħna: NAO 108/2024

21 ta' Ottubru 2025

Onor. Darren Carabott
Chair
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta
Valletta

Għażiż Onor. Carabott,

Nagħmel referenza għat-talba għal investigazzjoni, mibgħuta lill-Awditur Ġenerali mill-Membri tal-Oppożizzjoni fil-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi fit-23 ta' Awwissu 2024, rigward allegazzjonijiet ta' frodi u ġestjoni ħażina tal-aġenzija Identità.

Għaldaqstant it-termini ta' referenza tal-awditu jikkonsistu f'verifika ta' jekk:

1. sarux studji biex jiġu ddeterminati l-benefiċċji nazzjonali li jirriżultaw mill-permessi ta' xogħol u ta' residenza maħruġa;

2. Identità u l-uffiċjali tagħha ħadmux b'mod ġust, bid-diliġenza dovuta, skont il-prinċipji ta' governanza tajba, b'mod koerenti u konformement mal-proċeduri stabbiliti meta kienu qed jipproċessaw applikazzjonijiet għall-karti tal-identità u/jew permessi ta' residenza għal persuni li mhumiex ċittadini Maltin;

3. Identità ħbietx jew ipprovdietx xi informazzjoni qarrieqa dwar din is-sitwazzjoni;

4. l-infiq ta' fondi pubbliċi minn Identità fil-qadi tal-funzjonijiet legali tagħha, meta kienet qed tipproċessa applikazzjonijiet għall-karti tal-identità u/jew permessi ta' residenza għal persuni li mhumiex ċittadini Maltin, hu ġust, konsistenti u diliġenti, u skont il-prinċipji ta' governanza tajba, kontabbiltà u trasparenza;

5. Jobsplus u l-uffiċjali tagħha ħadmux b'mod ġust, bid-diliġenza dovuta, skont il-prinċipji ta' governanza tajba, b'mod koerenti u konformement mal-proċeduri stabbiliti meta kienu qed jipproċessaw applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-impjiegi u applikazzjonijiet oħra rilevanti għal persuni li mhumiex ċittadini Maltin;

6. il-Ministeru għall-Affarijiet Interni, is-Sigurtà u l-Impjiegi, il-Kabinett, u entitajiet governattivi oħra responsabbli ħadmux b'mod ġust, b'diliġenza, u skont il-prinċipji ta' governanza tajba fil-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħhom waqt li kienu qed jipproċessaw applikazzjonijiet għall-karti tal-identità, permessi ta' residenza u reġistrazzjoni tal-impjiegi għal persuni li mhumiex ċittadini Maltin; u

7. seħħx xi użu irregolari ta' riżorsi pubbliċi bħas-servizzi tas-saħħa u s-sigurtà soċjali, minħabba nuqqasijiet fil-proċessar tal-applikazzjonijiet minn Identità, Jobsplus u l-uffiċjali tagħhom, kif ukoll fil-funzjonijiet ta' sorveljanza tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, is-Sigurtà u l-Impjiegi u entitajiet relatati, u fejn ikun possibbli, jiġi ddeterminat l-impatt finanzjarju ta' każijiet bħal dawn.

Dan huwa qafas preliminari tal-investigazzjoni mitluba, u l-Uffiċċju jirriserva d-dritt li jagħmel tibdiliet jekk meħtieġa.

Verżjoni bl-Ingliż tat-termini ta' referenza hija annessa ma' din l-ittra.

Tislijiet,



C. Deguara

Kopja lil: Segretarja, Kumitat Parlamentari tal-Kontijiet Pubbliċi

**Terms of reference - Governance and procedural integrity in the management of Malta's national identification and residence permit systems**

The objectives of this audit are to ascertain whether:

1. studies were conducted to determine the national benefits derived from work and residence permits issued;

2. Identità and its officials exercised fairness, due diligence, adhered to good governance principles, acted coherently and in line with established procedures when processing applications for identity cards and/or residence permits for non-Maltese citizens;

3. Identità has concealed or provided any misleading information regarding this situation;

4. Identità's expenditure of public funds when fulfilling its legal functions, particularly when processing applications for identity cards and/or residence permits for non-Maltese citizens, is fair, consistent and diligent and in accordance with the principles of good governance, accountability and transparency;

5. Jobsplus and its officials exercised fairness, due diligence, adhered to good governance principles, acted coherently and in line with established procedures when processing applications for employment registration and other relevant applications for non-Maltese citizens;

6. the Ministry for Home Affairs, Security, and Employment, the Cabinet, and other responsible government entities exercised fairness, diligence, and adhered to the principles of good governance in their oversight roles while processing applications for identity cards, residence permits and employment registration for non-Maltese citizens; and

7. any irregular use of publicly funded resources, such as health services and social security, occurred due to shortcomings in the processing of applications by Identità, Jobsplus and their officials, as well as in the oversight roles of the Ministry for Home Affairs, Security, and Employment and related entities and where feasible, determine the financial impact of such cases.